MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2345/2003

**Walter Payne**

**vs**

**Carmel Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm737.00) rapprezentanti danni kawzati f'incident awtomobilistiku li gara fis-7 ta' Gunju 2003 f'Hal-Lija, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAK 553 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAM 113 misjuqa mill-attur. Ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien unikament responsabbli l-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mija u sebgha u tletin lira Maltin (Lm737.00), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------